MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1850/2003

**Maria sive Jeannine Giglio**

**Vs**

**Alan Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm761.23c) rapprezentanti danni minnha subiti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fid-19 ta' Frar, 2003 waqt li kienet qed issuq il-karozza JJG 265 tiela' Sliema Road, Gzira u waqt li kienet qed iddur ghal go Triq il-Merill meta l-vettura BAG 168 misjuqa mill-konvenut u li kienet fuq in-naha hazina tat-triq baqghet diehla go fiha.

Illi konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici sofriet danni fil-vettura taghha, liema hsarat jammontaw ghall-ammont mitlub fl-Avviz.

Illi l-konvenut interpellat baqa’ nadempjenti.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni izda ma pprezentax Risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attrici u ra d-dokumenti minnha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici kienet qed issuq il-karozza JJG 265 fi Sliema Road, Gzira mid-direzzjoni ta’ Regional Road bl-intenzjoni li ddur lejn il-lemin ghal go Triq il-Merill li hija t-tieni triq li tittraversa Sliema Road inti u tiela’.

Hija naqset l-ispeed u xeghlet l-*indicator* biex turi l-intenzjoni taghha u meta rat li ma kien hemm l-ebda traffiku gej mid-direzzjoni opposta bdiet iddur lejn Triq il-Merill meta f’daqqa wahda semghet il-hoss ta’ brake (screeches) gej minn warajha u l-karozza BAG 168 misjuqa mill-konvenut dahlet fil-karozza taghha.

Minn ezami ta’ l-iskizz jirrizulta illi l-vettura ta’ l-attrici kienet *on the crown of the road* ftit ippuntata lejn il-lemin. Gew indikati *intermittent brake marks* imhollija mill-karozza tal-konvenut li jindikaw ukoll li l-konvenut kien qed jintenta manuvra ta’ surpass u li meta ghafas il-*brake* anke pprova jiehu azzjoni evaziva billi jigbed lejn il-lemin.
F’materja ta’ surpass il-*Highway code inter alia* jistipula:

**181.** Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others. …………..

**183.** Before overtaking, give the appropriate signal, make certain that the vehicle you intend to overtake is aware of your intention…………

Huwa evidenti li l-kawza prossima tal-kollizjoni kien is-sewqan negligenti u traskurat tal-konvenut li fil-mument li ntenta jiehu manuvra ta' overtaking ma hax prekawzjonijiet xierqa u ma accertax ruhu li jista' jespleta din il-manuvra minghajr xkiel jew ostakolu. Missu nduna li l-attrici kienet ser iddur lejn il-lemin billi, apparti l-pozizzjoni taghha fit-triq u l-fatt li sslowjat, hija anke xeghlet l-indicator. Ovvjament ma kienx attent bizzejjed.

Ghar-rigward tal-quantum, giet esebita rcevuta tal-VAT li turi li l-attrici hallset seba' mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm761.23c) biex tirripara l-vettura. Gie esebit breakdown dettaljat tal-parts mibdula, tal-panel beating u spray painting kif ukoll il-job card ta' fejn sar ix-xoghol. Dawn jikkombacjaw mad-danni ndikati telegrafikament fl-okkorrenza tal-pulizija u ghalhekk, apparti li l-ispiza tat-tiswija giet debitament pruvata, din tidher gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' seba mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm761.23c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-19 ta' Mejju, 2004 (data tan-notifika ta' l-Avviz).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------